# KAZ MORALI : <u>ID-DNUB TAD-DINJA</u>

## 1. X'inhu d-dnub

### *1.1 Disubbidjenza lejn Alla*

L-Iskrittura dejjem tpoġġi lill-bniedem f'relazzjoni m'Alla, allura d-dnub huwa dejjem **ir-rifjut tal-bniedem li jwieġeb ghall-inizjattiva u ghall-imħabba t'Alla**. It-Testment il-Qadim iħares lejn id-dnub bħala **l-ksur tal-liġi u r-rieda t'Alla**. Fil-ġrajja ta' Babel naraw illi **ghall-bniedem Alla mhux rilevanti** waqt fil-każ tal-Eden id-disubbidjenza lejn Alla hija cara. Fit-Testment il-Gdid, id-dnub huwa meqjus bħala **r-rifjut t'Alla minn naħa tal-bniedem.** Id-dnub huwa l-antiteżi tal-karita u jmur kontra l-imħabba. Fil-kitbiet ta' San Ġwann u dawk ta' San Pawl, id-dnub huwa meqjus bħala ir-rifjut tad-dawl – '*U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin'* (Ġw 3, 19).

Id-dnub huwa **d-dizubbidjenza tal-persuna**, li meta tikser il-liġi t'Alla, b'att liberu ma tirrikonoxxix is-setgħa t'Alla. Ninnnotaw li llum fis-soċjeta kontemporanja ntilfet din **id-dimensjoni reliġjuża tad-dnub** u huma bosta li jħarsu lejn id-dnub bħala s-sempliċi falliment tal-bniedem li jilħaq ċerti *standards* soċjali jew inkella fuq livell psikoloġiku ir-rifjut tal-bniedem li jaċċetta lilu nnifsu.

Għalkemm huwa minnu li d-dnub għandu d-dimensjoni personali u soċjali, **id-dnub qatt ma jista' jiġi separat mid-dimensjoni reliġjuża tiegħu,** li hija l-bażi tad-dnub. Min jagħmel id-dnub ikun qiegħed jiċħad id-dipendenza tiegħu fuq Alla u jmur kontra r-rieda ta' l-istess Alla.

### *1.2 Id-diviżjoni bejn l-aħwa*

Fis-siltiet Bibliċi li għadna kif ikkunsidrajna naraw illi b'konsegwenza tal-firda minn Alla **il-bniedem jinfired ukoll minn ma' ħutu l-bnedmin**. Hekk naraw illi fir-rakkont tal-ewwel dnub fl-Eden, il-firda minn Alla ġiebet ukoll il-firda bejn il-bniedem – ir-raġel u l-mara bdew iwaħħlu f'xulxin ; '*Il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt' (Ġn 3, 12). Anke fir-rakkont ta' Babel naraw illi d-dnub ġab ukoll firda fuq livell soċjali.*

***Bħala firda minn Alla, id-dnub huwa att ta' disubbidjenza minn kreatura li tirrifjuta, ta' l-inqas b'mod impliċitu, lil Dak li minnu hija ġejja (il-ħallieq). Għalhekk id-dnub huwa att suiċida. Meta il-bniedem bid-dnub jirrifjuta li jissottometti ruħu lejn Alla, hu ikun qiegħed jeqred il-bilanċ intern tiegħu u b'hekk fih iqumu ħafna kunfliti u kontradizzjonijiet. Billi jkun imweġġa, inevitabilment il-bniedem imbagħad jikkawża ħsara fix-xibka tar-relazzjonijiet li hu għandu mal-oħrajn.***[1]

B'hekk nistgħu ngħidu li l-misteru tad-dnub fih dimensjoni doppja – **dik personali u dik soċjali.** Min-naħa id-dnub għandu riperkussjonijiet personali u min-naħa oħra għandu wkoll riperkussjonijiet soċjali.

## 2. Dimensjoni personali tad-dnub

Id-dnub fih innifsu huwa dejjem **att personali** għaliex huwa dejjem att liberu ta' persuna individwali. Huwa fatt li individwu **jista' jkun influwenzat** u **kkundizzjonat** minn diversi fatturi nterni u esterni. Jista jkun **suġġett għal tendenzi u difetti relatati mal-kundizzjoni personali tiegħu**. Huwa minnu li dawn il-fatturi jistgħu jillimitaw il-libertà tal-persuna u b'konsegwenza t'hekk ir-responsabilità tiegħu fil-konfront tad-dnub, pero' min-naħa l-oħra hija verita ċara li l-bniedem huwa persuna, esseri koxju u liberu. Din il-verita qatt m'għandha tiġi mwarrba sabiex il-ħtija tinxteħet esklussivament fuq dawn il-fatturi.

Bħala att personali, qabel xejn, id-dnub jaffetwa lill-midneb b'mod partikulari **fir-relazzjoni tiegħu m'Alla u anke jdgħajjef l-ispirtu u l-intellett tal-persuna**. Permezz tad-dnub il-bniedem jirrifjuta l-għan aħħari tiegħu u jagħżel għanijiet oħra. Meta jagħmel dan, **il-bniedem jaqa' fil-frustrazzjoni għaliex ikun qiegħed jirrifjuta it-triq li twasslu għar-realizazzjoni vera tiegħu nnifsu.**

## 3. Dimensjoni soċjali tad-dnub

Meta wieħed jitratta id-dimensjoni soċjali tad-dnub, wieħed jiltaqa' ma tliet sitwazzjonijiet differenti li jagħtu lid-dnub din id-dimensjoni soċjali tiegħu. L-aktar aspett soċjali ovju huwa **meta id-dnub jmiss direttament lill-proxxmu**. Din hija offiża kontra Alla għaliex hija offiża kontra l-proxxmu – '*Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla", u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista'*

[1] JOHN PAUL II, *Reconciliatio et Paenitentia* 1984, n. 15

*jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?'* (1 Ġw 4, 20). Bi dnub soċjali nifhmu kull dnub li jesprimi nuqqas ta' mħabba, hu att ta' inġustizzja, hu skandlu.

Id-dnub ghandu wkoll dimensjoni soċjali **meta jkun jinvolvi relazzjoni bejn diversi kommunitajiet umani fejn ir-relazzjonijiet mhux dejjem ikunu konformi mal-pjan t'Alla**, sitwazzjonijet li jippromovu l-mibgħeda. Dawn il-kommunitjiet jistgħu ikunu iffurmati minn gruppi ta' familji, minn sub-kulturi, minn minoritajiet etniċi jew anke minn pajjiżi sħaħ. **F'sitwazzjonijiet bħal dawn, wieħed jistaqsi jekk id-dnub soċjali jistax jiġi attribwit lill-persuna individwali**. Quddiem problematika bħal din wieħed qatt ma għandu jiżvaluta ir-responsabbilita personali tal-persuni involuti.

Meta wieħed jitkellem mid-dimensjoni soċjali tad-dnub ikun qiegħed ukoll **impliċitament jirrikonoxxi l-fatt illi kull dnub individwali, b'xi mod jew ieħor, jaffetwa wkoll lill-oħrajn.** Hekk kif teżisti l-kommunjoni tal-qaddisin, jiġifieri is-solidarjeta f'dak li hu tajjeb, teżisti wkoll is-solidarjeta fid-dnub. Meta wieħed jidneb ikun qiegħed iniżżel miegħu fid-dnub lill-Knisja u f'ċertu sens lill-umanità. Il-bniedem **huwa esseri ontoloġikament miftuħ għall-oħrajn u għalhekk kull dnub anke l-aktar dnub moħbi tal-hsieb jew tax-xewqa anke jekk eventwalment qatt ma jseħħ**, jolqot id-dimensjoni soċjali tal-individwu għaliex ikun qiegħed jagħlaq l-apertura tal-bniedem lejn l-oħrajn. Din tissejjaħ solidarjeta tad-dnub.

Għalkemm il-profeti u it-Testment il-Gdid jenfasizzaw ir-responsabbilità personali, fit-Testment il-Qadim nsibu bosta siltiet illi jikkritikaw lil Iżrael talli dineb b'mod kollettiv.

*'Wieħed jista' għalhekk jitkellem minn kommunjoni tad-dnub, fejn ruħ illi tinżel fid-dnub iġġorr magħha lill-Knisja u b'xi mod anke lid-dinja kollha'*[2].

F'dan id-dawl wieħed irid jiftakar ukoll f'dak li jgħid San Pawl dwar il-ġisem mistiku ta' Kristu : *'B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin; jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu'* (1 Kor 12, 26-27). **Bl-istess mod meta membru jidneb ikun qiegħed jaffetwa l-ġisem kollu bid-dnub tiegħu.** Dan ifisser li '*jien nifforma parti attiva mill-istorja tal-umanità. Id-dnub tiegħi għandu qawwa operanti li tkisser. Minnu nnifsu id-*

---

[2] *Ibid.*,16.

*dnub tiegħi huwa dnub li jmur kontra l-istorja tas-salvazzjoni'*[3]. Fi kliem ieħor **kull meta l-bniedem jirrifjuta s-solidarjeta tas-salvazzjoni hu ikun qiegħed jagħżel is-solidarjeta tal-korruzzjoni (d-dnub) u għalhekk impliċitament ikun qiegħed jirrifjuta lil Kristu.**

### 4. Id-dnub tad-dinja.

Ta' min wieħed jinnota li f'Ġwanni 1,29 fejn insibu l-kliem tal-Battista '*Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi **d-dnub** tad-dinja'*, il-kelma Griega għal ***dnub*** hija *hamartia* li ma tfissirx biss *the summing up* tad-dnubiet personali kollha, imma eżattament tfisser il-**qawwa tad-dnub li hawn fid-dinja**. B'hekk San Gwann irid jurina illi is-solidarjeta tad-dnub li hawn fid-dinja toħloq **klima ta' dnub illi tinfetta d-dinja.**

Fl-ewwel ittra tiegħu San Ġwann iżid jgħid '*Nafu li aħna ġejjin minn Alla u li **d-dinja** kollha qiegħda taħt idejn il-Ħażin'* (1 Ġw. 5,19). Bil-kelma *dinja* hanwhekk l-awtur sagru mhuwiex qiegħed jirreferi għad-dinja bħala ħolqien t'Alla, imma bħala '*spazju spiritwali magħluq għal Alla, fejn joktor id-dnub b'riżultat tal-libertà kreata'*[4]. Id-dnub oriġinali ħalla **ġibda għad-dnub (konkupixxenza) fil-qalb tal-bniedem**, illi twassal lill-bniedem biex jidneb. Il-ħafna dnubiet personali li jitwettqu joholqu klima ta' dnub. **Din toħloq il-kundizzjonijiet biex jitwettqu dnubiet personali oħra.**

Wieħed ma jistax jiċħad l-influwenza illi persuna libera jista' jkollha fuq persuna libera ieħor. Din l-influwenza nistgħu niddeskrivuha aħjar bl-użu tat-terminu **'sitwazzjoni'.** Id-deċiżjonijiet liberi ta' ħaddieħor qatt ma jistgħu iċaħħdu lili, li jien persuna libera, mill-liberta tiegħi. Pero' dawn **jistgħu ipoġġuni f'sitwazzjoni illi lili tista' tinfluwenzani**. Eżempju ħażin idgħajjef il-ġibda tiegħi lejn valur partikulari. Dan imbagħad iwassal għad-dubju u aktar tard għall-ġibda biex nġib ruħu b'mod li jmur kontra l-istess valur. **B'dan nikkonkludu illi d-dnub huwa qawwa fid-dinja u jġib miegħu ċertu kontaminazzjoni. Irrid jew ma rridx jien ninsab dejjem ikkundizzjonat minn din il-kontaminazzjoni tad-dnub preżenti fid-dinja.**

**Id-dnub tad-dinja** ma jistax jiġi indentifikat **mad-dnub oriġinali** imma huwa **s-sinteżi tal-effetti tad-dnub oriġinali fl-istorja ta' kull ġenerazzjoni** u konsegwentament fl-

[3] ENRICO CHIAVACCI, *Teologia Moarale,* I, Assisi 1997, p. 264.
[4] JOHN PAUL II, audience delivered on 11 March 1986 .

istorja tal-umanita. Wieħed jista jitkellem mid-dnub bħala **infezzjoni** illi tgħaddi mill-qalb tal-bniedem għall-ambjenti u l-istrutturi li fihom jgħix il-bniedem. ***'Kull bniedem jitwieled f'dinja fejn minbarra l-preżenza tat-tajjeb u tas-salvazzjoni, hemm ukoll il-preżenza tal-korruzzjoni – korruzzjoni li hija verament inkarnata u tagħmel parti mill-istituzzjonijiet, strutturi u perspettiva illi jibblukkaw il-kapċita tal-bniedem li jara u jiddixxerni'*[5]. Il-bniedem jgħix f'dinja fejn is-solidarjeta fid-dnub hija preżenti u effikaċi.

Is-sens tal-ħtija li tibda minn att individwali liberu ma tistax tgħaddi minn persuna għall-oħra. **Is-sens tal-ħtija mhix soċjali** u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem minn **sens ta' ħtija kollettiva.**

Minn dan li għadna kif għidna wieħed irid iżomm f'moħħu illi **id-dimensjoni soċjali tad-dnub u id-dnub tad-dinja huma distinti minn xulxin,** imma waħda twassal għall-oħra għaliex min-naħa hija **s-solidarjeta fid-dnub illi tifforma dan l-ambjent ta' ħażen li hu preżenti fid-dinja u min-naħa l-oħra dan l-ambjent ta' ħażen ikomplu isaħħaħ is-solidarjeta tad-dnub.**

### 5. X'inhu dak li jwassal għad-dnub?

Qabel xejn il-bniedem jidneb minħabba din il-klima ta' dnub li teżisti fid-dinja. Fit-Testment il-Gdid insibu diversi imperattivi biex il-bniedem jaħrab id-dinja; *'Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier ma tgħammarx fih. Kull ma fiha d-dinja, jiġifieri l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda ta' l-għajnejn u l-kburija tal-ħajja, dan m'huwiex ġej mill-Missier imma mid-dinja.'* (1 Ġw 2, 16).

Minħabba d-dnub tal-bniedem *'id-dnub jinkarna ruħu fl-istrutturi soċjali , fl-ideoloġiji, fit-tradizzjonijiet, fl-abitudnijiet, fl-imġieba kollettiva u fil-mentalita komuni għal grupp ta' individwi li jiffurmaw soċjeta partikulari'*[6]. Huwa ferm faċli illi dan l-ambjent imħassar ipoġġi lill-individwu f'sitwazzjonijiet illi jagħmluha aktar faċli għalih li jaqa' fid-dnub. X'tip ta' sitwazzjonijiet jistgħu ikun dawn?

---

[5] HARING BERNARD, *Sin in a secular Age*, London 1974 p.100.
[6] PESCHKE C. HENRY, *Christian Ethics,* Alcester-Dublin, 1979, p.238.

Qabel xejn nistgħu insemmu **l-eżempju ħażin**. L-onestà ta' persuna iġġegħlni ninduna li l-onesta hija valur u nista' ngħixha jien ukoll. L-eżempju ħażin ta' persuna jħajjarni għad-dnub. Dan jurina li **l-bniedem jeħtieġ ikompli jeduka ruħu tul ħajtu kollha.**

L-eżempju ħażin jista' jġib miegħu wkoll **xi forma ta' pressjoni**. Jista' jiġri li grupp ta' nies partikulari jkun kontinwament qiegħed jaqa' fl-iżball u għalhekk **it-tajjeb isir xi ħaġa barranija għal dan il-grupp.** Tip ta' pressjoni oħra li jesperjenza l-bniedem hu **meta sabiex jevita l-ħażin ikollu jmur kontra t-tendenzi naturali tal-bniedem**. Eżempju ċar huwa **l-ġibda tal-bniedem biex ipatti lura**. Ħafna nies huma miġbuda biex ipattu lura biex hekk itaffu l-piż tal-ħajja.

Tip ta' sitwazzjoni oħra hija meta l-eżempju ħażin ta' xi individwi jġib miegħu **l-oskurazzjoni tal-valuri u n-normi**. Dan ifisser li minħabba l-eżempju ħażin li jara madwaru, il-bniedem faċli **jaqa' fid-dubbju rigward il-valuri u n-normi morali.** Dan japplika b'mod partikulari għat-tfal li għandhom bżonn min jurihom in-normi u l-valuri. Jekk in-normi u l-valuri ma jiġux preżentati lilhom b'istruzzjonijiet u b'esperjenzi jew jekk dan ikunu mgħoddija lilhom b'mod ħażin, **huwa faċli li l-ħajja morali tagħhom ma tiżviluppax b'mod tajjeb**. Dak li  japplika b'mod partikulari għat-tfal daqstant ieħor japplika għall-adulti**. Dan għaliex l-adult ukoll qiegħed jiżviluppa u jidħol f'ambjenti ġodda b'konsegwenza li xi drabi il-valuri u n-normi ma jkunux ċari għalih.**

Jiġri wkoll illi xi drabi isseħħ **oskurazzjoni totali tal-valur u n-normi**. Sitwazzjoni bħal din **tippreċedi u tikkondizzjoni l-eżistenza tal-individwu** u ma tiddependix fuq għażla personali tal-persuna. Sitwazzjoni bħal din tinħoloq meta il-persuna jkollha bżonn formazzjoni dwar xi valur jew norma partikulari u din il-formazzjoni ma tkunx possibli.

Jidher illi s-soċjeta kontemporanja hija għaddejja minn **fażi ta' oskurazzjoni tal-valuri u n-normi.** Hemm diversi fatturi li qegħdin jikkontribwixxu għal dan, fosthom is-**sekulariżmu kontemporanju**. Sekulariżmu mibni fuq **umaniżmu mingħajr Alla** u ċċentrat fuq il-kult tal-attivita, l-produzzjoni u fit-tfittix għall-konsumeriżmu u l-pjaċir.

Raġuni oħra li qegħda twassal biex jintilef dan is-sens tad-dnub ġejja **mill-iżbalji li saru fl-evalwazzjoni ta' ċerti skoperti li saru fix-xjenzi umani.** Fil-kamp tal-

psikoloġija eżempju **sabiex jiġu evitati** ***feelings*** **ta'** ***guilt*** **il-bniedem qatt ma jammetti li żbalja.** Fil-kamp tas-soċjolġija imbagħad ħafna drabi **l-ħtija hija dejjem attribwita lis-soċjeta inġernali u l-individwu huwa dejjem ikkunsidrat bħala innoċenti.** Raġuni oħra li twassal għat-telfien tas-sens tad-dnub hija l-preżenza ta' sistema etika li hija frott **relativiżmu etiku**. Dan ir-relativiżmu etiku huwa riżultat ta' kurrent li **jirrelattivizza in-norma morali u tiċħad l-eżistenza ta' valuri assoluti.** B'konsegwenza t'hekk din is-sistema etika tiċħad l-eżistenza ta' **azzjonijiet intrinsikament ħżiena** li huma indipendenti miċ-ċirkustanzi li fihom jitwettqu.

Anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-Knisja, **ċertu tendenzi** jġibu magħhom it-telfien tas-sens tad-dnub. Wieħed jista jikkunsidra bħala eżempju l-fatt li ħafna huma inklinati **li jbiddlu l-attitudnijiet esaġerati tal-passat ma' attitudnijet esaġerati ġodda.** Eżempju minn tendenza **li tara d-dnub kullimkien** għaddejna għal tendenza **fejn xejn ma hu dnub**. Min pożizzjoni li tenfasizza l-biża u l-kastig għaddejna għal pożizzjoni li tippriedka biss l-imħabba t'Alla. Anke **il-kontradizzjonijiet fit-tagħlim u d-duttrina bejn diversi esponenti tal-Knisja** jista' jwassal għal dan it-telfien tan-nuqqas tad-dnub.

## 6. Il-Personifikazzjoni tad-dnub

Il-Ħażin huwa wkoll ippersonifikat fi ħlejqa – **ix-Xitan** – illi għalkemm ma jistax iċċaħħad lill-bniedem mir-rieda ħielsa tiegħu, jista' jippreżentalu sitwazzjonijiet illi jittentawh jidneb. Fl-Iskrittura x-Xitan huwa l-antagonista t'Alla u tat-tajjeb. Huwa kontinwament f'kunflitt mas-Saltna t'Alla u lilha jipprova jagħmel l-akbar dannu possibli.

*'Frott id-dnub tiegħu stess, ix-Xitan huwa immutabilment determinat lejn il-ħażin. Minbarra l-oppożizzjoni ġenerali tiegħu lejn is-Saltna t'Alla, huwa jfittex illi b'azzjonijet partikolari jressaq lill-bniedem individwali lejn id-dnub.'*[7] *Huwa jfittex 'li jiżvija lill-bniedem mit-triq dritta tal-ġustizzja billi jattakkah fil-punt l-aktar dgħajjef tiegħu'*[8].

[7] DAMEN CORNELIO, *Demonio,* nel *Dizionario di Teologia Morale,*, Roma 1961, p.433.
[8] AQUINAS ST. THOMAS, *Shorter Summa,* 189, Manchester 2002, p.220.

Ix-xitan huwa deskritt minn Ġesu bħala '*qattiel sa mill-bidu'* (Ġw 8,44) u kien hu li saħansitra pprova jdawwar lil Ġesu mill-missjoni li fdalu l-Missier (cf. Mt 4, 11). Pero' skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n.109 ,

Il-qawwa tax-xitan m'hijiex bla qies. Hu biss ħliqa, setgħani għax spirtu pur, imma dejjem ħliqa; ma jistax iwaqqaf il-bini tas-Saltna ta' Alla. Jagħmel x'jagħmel ix-xitan fid-dinja b'mibegħda għal Alla u għas-Saltna tiegħu fi Kristu, u kbar kemm huma kbar il-ħsarat li tagħmel il-ħidma tiegħu – ħsarat ta' natura spiritwali u, indirettament, ta' natura fiżika wkoll – lil kull bniedem u lis-soċjetà, il-ħidma tiegħu tippermittiha l-Providena ta' Alla, li bil-qawwa u bil-ħlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla jippermetti l-ħidma tax-xitan, iżda *'Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejjħin skond il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom' (Rum 8, 28)*

### 7. Konklużjoni

Nistgħu nikkonkludu **li l-bniedem mhuwiex intrinsikament ħażin**, imma qiegħed **jgħix fi klima ta' dnub u f'solidarjeta ta' dnub**, illi jpoġġuh f'sitwazzjonijiet li fihom **il-bniedem faċli jaqa' fid-dnub**. Fil-ġlieda tiegħu kontra d-dnub il-bniedem huwa dejjem akkumpanjat **mill-Grazzja**. Bl-aġir tiegħu il-bniedem jista' jew iwettaq id-dnub u b'hekk ikun qiegħed jeħodha kontra l-grazzja, jew inkella min-naħa l-oħra bil-qawwa tal-Grazzja jirbaħ id-dnub.

Bħal San Ġwann, wieħed jista' jistqarr illi **ġa ladarba id-dinja ċaħdet lil Kristu, id-dinja qiegħda fi stat ta' dnub.** F'dan il-kuntest għalhekk bl-għajnuna tal-Grazzja in-nisrani għandu jimxi ma' Kristu f'din id-dinja midinba, imut ma' Kristu sabiex miegħu igawdi fis-sebħ tal-ħajja l-ġdida. *'Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Ndfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt'* (Rm 6, 3-5).

**Il-kunċett tad-dnub tad-dinja** jista' jkun sors ta' **riflessjoni fuq id-dnub oriġinali imma fuq kollox dawl dwar il-misteru tar-redenzjoni għaliex bil-mewt tiegħu Kristu ħeles lid-dinja mid-dnub**. Is-solidarjeta tas-salvazzjoni hija dejjem kontrapposta għas-solidarjeta tad-dnub u '*il-manifestazzjoni prinċipali tas-solidarjeta*

*tas-salvazzjoni fuq din l-art huwa Ġesu Kristu, il-Verb Inkarnat'*[9]. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio e Paenitentia*

***Il-ħniena t'Alla hija forma ta' mħabba aqwa mid-dnub, aktar b'saħħitha mill-mewt. Meta nirrealizzaw illli l-imħabba t'Alla lejna ma tieqafx quddiem id-dnub tagħna imma issir aktar attenta u ġeneruża, meta nirrealizzaw illi din l-imħabba saħansitra wasslet għall-passjoni u l-mewt tal-Verb magħmul bniedem illi ppermetta li jifdina permezz tad-demm tiegħu stess, allura bi gratitudni nistgħu ngħidu: Iva l-Mulej huwa għani fil-ħniena tiegħu***[10]

[9] HARING BERNARD, *Sin in a secular Age*, p. 98.
[10] JOHN PAUL II, *Reconciliatio et Paenitentia, n.* 22.